C/2026/2618

7.5.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12357 — RUHR ENERGY / RUHR OEL / GELSENKIRCHEN RAFFINERIE NETZ)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/2618)

1. Fis-27 ta' April 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Ruhr Energy, S.A. ("Ruhr Energy", l-Iżvizzera), indirettament proprjetà sħiħa ta' Klesch Group Limited ("Klesch", Malta),

— Ruhr Oel GmbH ("ROG", il-Ġermanja), proprjetà sħiħa ta' BP Europa SE ("BPESE", il-Ġermanja),

— Gelsenkirchen Raffinerie Netz GmbH ("GRN", il-Ġermanja), proprjetà sħiħa ta' BPESE.

Ruhr Energy se takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll uniku ta' ROG u GRN kollha, kif ukoll ċerti assi relatati mingħand BPESE.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' xiri ta' ishma u ta' assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Klesch hija attiva prinċipalment fir-raffinar taż-żejt mhux raffinat u fin-negozju petrokimiku,

— ROG tipproċessa ż-żejt mhux raffinat u materjali oħra fir-raffinerija tagħha f'Gelsenkirchen,

— GRN topera l-grilja tal-elettriku magħluqa li tgħaqqad ir-raffinerija ta' Gelsenkirchen mal-grilja tal-enerġija tat-trażmissjoni.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

KAŻ M.12357 — RUHR ENERGY / RUHR OEL / GELSENKIRCHEN RAFFINERIE NETZ

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË